QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

IMĦALLEF

ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)

**Seduta ta' nhar-it Tlieta 12 ta' Diċembru 2017**

**App. Nru. 268 / 2011 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**A**

## Il-Qorti:

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra A talli:

(1) b'diversi atti magħmulin minnu f'dawn l-aħħar snin li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmulin b'risoluzzjoni waħda ġewwa diversi bnadi f'Malta, uża vjolenza sabiex iġiegħel lil bintu S u lill-ex martu S1 jagħmlu, iħallu jsiru, jew jonqsu milli jagħmlu xi ħaġa, u dan ai terminu ta' l-artikoli 18 u 251 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(2) fl-istess dati, lok, ħinijiet u ċirkostanzi, ħebb għal bintu S sabiex jinġurjaha, idejjaqha jew jagħmlilha ħsara, u dan bi ksur ta' l-artikoli 18 u 339(d) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(3) fl-istess dati, lok u ċirkostanzi ġewwa l-Gżejjer Maltin hedded lill-istess bintu S u lill-ex martu S1 bi kliem, u dan ai termini ta' l-artikoli 18 u 338(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Kap. 481 tal-Liġijiet ta' Malta;

(4) fl-istess bnadi, ħinijiet u żminijiet ikkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' bintu S, u dan ai termini ta' l-artikolu 221 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(5) bejn il-perijodu tat-28 ta' Frar 2006 sa llum ġewwa diversi bnadi fil-Gżejjer ta' Malta f'diversi ħinijiet differenti b'risoluzzjoni waħda uża vjolenza sabiex iġiegħel lil bintu S tagħmel, jew tħalli jsiru, jew tonqos milli tagħmel, xi ħaġa, u dan ai termini ta' l-artikoli 18 u 251 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u Kap. 481 tal-Liġijiet ta' Malta.;

(6) bejn il-perijodu tat-28 ta' Frar 2006 sa llum ġewwa diversi bnadi fil-Gżejjer ta' Malta, ħebb għal bintu S sabiex jinġurjaha, idejjaqha jew jagħmlilha ħsara, u dan bi ksur ta' l-artikoli 18 u 339(d) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u Kap. 481 tal-Liġijiet ta' Malta;

(7) bejn il-perjodu ta' 28 ta' Frar 2006 sa llum f'diversi bnadi ta' Malta hedded lill-istess bintu S u lill-ex martu S1 bi kliem, u dan ai termini ta' l-artikoli 18 u 338(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Kap. 481 tal-Liġijiet ta' Malta;

(8) bejn il-perijodu ta' 28 ta' Frar 2006 sa llum f'diversi bnadi ta' Malta kkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' bintu S, u dan ai termini ta' l-artikolu 221 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(9) fl-istess żminijiet u ċirkostanzi f'diversi inħawi f'Malta b'imġiebtu kkaġuna lill-ex martu u lil bintu, li jibżgħu li ser tintuża vjolenza kontra tagħhom jew kontra l-proprjeta` tagħhom, meta huwa kien jaf jew messu kien jaf li tali imġieba tiegħu se tikkaġuna lil dawn il-persuni li hekk jibżgħu, u dan ai termini ta' l-artikolu 251B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta` tal-persuni offiżi, toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-imsemmi A u dan ai termini ta' l-artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll li f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta` ta' S u S1 sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli għar-reati hawn fuq addebitati, torbot lil A b'obbligazzjoni tiegħu

nnifsu taħt penali ta’ somma flus li tiġi ffissata kif jidhrilha xieraq il-Qorti, u dan ai termini ta’ l-artikolu 383(1)(2)(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tat-3 ta’ Gunju 2011 li permezz tagħha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 251, 339(1)(d), 339(1)(e) u 251B tal-Kodiċi Kriminali, sabet lill-imsemmi A ħati ta’ l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), il-ħames (5), is-sitt (6), is-seba’ (7) u d-disa’ (9) imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu tmintax-il (18) xahar priġunerija li b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali ġew sospiżi għal perijodu ta’ tliet (3) snin mid-data tas-sentenza appellata. Inoltre l-ewwel Qorti ddikjarat lill-istess A mhux ħati tar-raba’ (4) u tat-tmien (8) imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u konsegwentement illiberatu mill-istess imputazzjonijiet. B’applikazzjoni ta’ l-artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali ordnat il-ħruġ ta’ Ordni ta’ Protezzjoni fil-konfront ta’ A sabiex tipprovdi għas-sigurta` ta’ S u dan għall-perijodu ta’ tliet (3) snin mid-data tas-sentenza appellata u taħt il-kundizzjonijiet indikati fl-Ordni ta’ Protezzjoni anness mas-sentenza u mmarkat bhala Dok. A;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ A ppreżentat fis-16 ta’ Ġunju 2011 li permezz tiegħu talab li din il-Qorti tvarja u tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha f’dik il-parti fejn sabitu mhux ħati tar-raba’ u tat-tmien imputazzjonijiet, tħassar, tirrevoka u tikkanċella l-istess sentenza f’dik il-parti fejn sabitu ħati ta’ l-ewwel, it-tieni, it-tielet, il-ħames, is-sitt, is-seba’ u d-disa’ imputazzjonijiet u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u piena;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta’ l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li in kwantu l-ewwel imputazzjoni tirrigwarda lil S1, din tinsab preskritta skond l-artikolu 688 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; (2) li, minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, anke jekk wiehed jaccetta d-deposizzjoni ta’ S1, ma jirrizultawx l-elementi tar-reat kontemplat fl-artikolu 251 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; (3) li ma jirrizultawx l-elementi tar-reat kontemplat fl-artikolu 251 imsemmi in kwantu l-ewwel u l-hames imputazzjonijiet jirrigwardaw S; (4) li l-ewwel Qorti erronejament sabitu hati tat-tieni, tat-tielet, tas-sitt u tas-seba’ imputazzjonijiet ghax huma preskritti a tenur ta’ l-artikolu 688(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; (5) li nstab hati erronejament tad-disa’ imputazzjoni ghax fil-perijodu li huwa suppost agixxa kif qalet S1, l-artikolu 251B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ma kienx jezisti; (6) li l-hames aggravju japplika wkoll fir-rigward ta’ S; (7) li, minghajr pregudizzju ghall-premess, l-

ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi, liema apprezzament kien ukoll imsejjes fuq enuncjazzjoni skorretta tal-ligi.

**6. L-ewwel aggravju:** Jiġi osservat fl-ewwel lok illi fis-sentenza tagħha l-ewwel Qorti qalet li in kwantu jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni din tirriżulta pruvata biss fir-rigward ta' S. Iżda fid-decide mbagħad ma lliberatx lill-appellant mill-ewwel imputazzjoni in kwantu tirrigwarda lil S1. L-appellant, pero`, qiegħed jeċċepixxi illi tali imputazzjoni in kwantu tirrigwarda lil S1hi preskritta. Ir-reat kontemplat fl-ewwel imputazzjoni, u cioe` dak ta' vjolenza kontra l-privat skond l-artikolu 251(1), fiż-żmien in kwistjoni kien iġorr miegħu piena ta' priġunerija minn ħames xhur sa tmintax-il xahar.[1] Stante li ġie attribwit fil-konfront ta' l-appellant reat kontinwat u allura l-piena tista' tiżdied minn grad sa żewġ gradi, il-piena bażika f'dan il-każ bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 31(1)(b)(xiii)(xii)(xi)(x)(ix) tista' titla' għal disa' xhur sa tliet snin. Kwindi l-perijodu preskrittiv skond l-artikolu 688(d) tal-Kodiċi Kriminali huwa ta' ħames snin.[2] Meta jirriżulta li S1 kienet telqet mid-dar fl-1993 u telqet minn Malta fl-1998, m'hemmx dubju li kwalunkwe allegazzjoni li għamlet fil-konfront ta' l-appellant hi preskritta. Għalhekk l-ewwel aggravju qiegħed jiġi milqugħ.

**7. It-tieni aggravju:** Stante li qed jiġi milqugħ l-ewwel aggravju, din il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni aggravju.

**8. Ir-raba' aggravju:** Permezz tar-raba' aggravju l-appellant isostni li it-tieni, it-tielet, is-sitt u s-seba' imputazzjonijiet huma preskritti a tenur ta' l-artikolu 688(f) tal-Kodiċi Kriminali. L-imsemmi paragrafu jirreferi għall-preskrizzjoni ta' reati ta' natura kontravvenzjonali, u li bis-saħħa tiegħu l-azzjoni kriminali taqa' bl-egħluq tal-perijodu ta' tliet xhur. It-tieni u t-tielet imputazzjonijiet jakkużaw lill-appellant li wettaq il-kontravvenzjonijiet imsemmija "f'dawn l-aħħar snin". Is-sitt u s-seba' imputazzjonijiet jakkużawh li wettaq il-kontravvenzjonijiet imsemmija f'dawk l-imputazzjonijiet fil-perijodu bejn it-28 ta' Frar 2006 u d-data tal-preżentata tiegħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fl-10 ta' Awwisu 2006. Bit-tieni u s-sitt imputazzjonijiet l-appellant ġie akkużat bi ksur ta' l-artikolu 339(d) tal-Kodiċi Kriminali fil-konfront ta' bintu filwaqt illi bit-tielet u s-seba' imputazzjonijiet ġie akkużat bi ksur ta' l-artikolu 338(e) fil-konfront ta' bintu u l-ex-martu. Evidentement hemm *overlap* peress illi "f'dawn l-aħħar snin" jinkorpora wkoll il-perijodu bejn it-28 ta' Frar 2006 u l-10 ta' Awwissu 2006. Peress illi l-appellant tressaq il-Qorti fl-10 ta' Awwissu 2006, u stante li l-perijodu preskrittiv għall-

[1] Il-piena żdiedet għal sena sa erba' snin bl-Att XXIV tas-sena 2014.
[2] Ara Appell Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Carmelo Pulis et**, 13 ta' Novembru 2012.

kontravvenzjonijiet huwa ta' tliet xhur (irrispettivament minn kwalunkwe żieda fil-piena li jista' jkun hemm bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali)[3], kwalunkwe waħda mill-imsemmijin kontravvenzjonijiet li setgħet allegatament seħħet qabel l-10 ta' Mejju 2006 hi preskritta.

**9.** L-ewwelnett din il-Qorti tosserva illi mix-xiehda ta' bint l-appellant, S, jirriżulta li hija qalet, fuq mistoqsija ta' l-ewwel Qorti jekk fl-aħħar erba' snin[4] għexitx ma' missierha għal xi żmien, li rarament, forsi jumejn l-aktar erbat ijiem "because I couldn't stay there with him". Jirriżulta wkoll li hi telqet minn fejn kienet qed toqgħod mal-familja ta' l-appellant fil-25 ta' Lulju 2006 biex tingħaqad ma' ommha. Issa, kemm mix-xiehda ta' S kif ukoll mix-xiehda ta' S1minn imkien ma tirriżulta xi allegazzjoni li fil-perijodu msemmi ta' tliet xhur seħħew xi waħda jew oħra mill-imsemmijin kontravvenzjonijiet. Konsegwentement jekk seħħew xi atti qabel li jikkostitwixxu l-elementi ta' l-imsemmijin kontravvenzjonijiet, dawn jinsabu preskritti. Għalhekk ir-raba' aggravju huwa milqugħ ukoll.

**10.** Kwantu għall-**ħames u s-sitt aggravji** rigwardanti r-reat kontemplat fl-artikolu 251B, dan ir-reat ġie miżjud bl-Att XX tas-sena 2005. Permezz ta' l-Avviż Legali 56 tas-sena 2006, it-28 ta' Frar 2006 ġiet stabbilita bħala d-data meta kellu jinġieb fis-seħħ l-imsemmi Att. Effettivament l-imputazzjonijiet minn ħamsa sa tmienja jirreferu proprju għall-imsemmija data tat-28 ta' Frar 2006. Peress illi d-disa' imputazzjoni tiġi immedjatament warajhom, għandu jiftiehem illi meta d-disa' imputazzjoni tirreferi għall-"istess żminijiet", hija qed tirreferi għall-perijodu bejn it-28 ta' Frar 2006 u d-data li fiha l-appellant tressaq il-Qorti, cioe` l-10 ta' Awwissu 2006.

**11.** Għal dak li jirrigwarda S1, minn eżami tax-xiehda tagħha huwa evidenti illi hija kienet qed tixhed dwar dak li allegatament seħħ meta kienet għadha tgħix ma' l-appellant diversi snin qabel, ferm qabel ma ġie introdott l-artikolu 251B imsemmi. Effettivament dwar il-perijodu mit-28 ta' Frar 2006 sa l-10 ta' Awwissu 2006 ma tgħid xejn.

**12.** Għal dak li jirrigwarda S, mix-xiehda tagħha minn imkien ma jirriżulta li l-episodji li hija tixhed dwarhom seħħew fil-perijodu wara d-dħul fis-seħħ ta' l-imsemmi artikolu 251B. Saħansitra fis-27 ta' Lulju 2006 ingħata digriet mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fejn, wara rikors ta' S1ippreżentat fil-25 ta' Lulju

[3] L-artikolu 688 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni (f) bl-egħluq ta' tliet xhur għall-kontravvenzjonijiet, u għall-inġurji bil-fomm suġġetti għall-pieni tal-kontravvenzjonijiet. Il-preskrizzjoni li dwaru jitkellmu l-paragrafi l-oħra huwa fir-rigward ta' delitti.

[4] Is-seduta kienet qed issir fit-23 ta' Mejju 2007.

2006 għall-kura u kustodja ta' bintha, l-Imħallef sedenti f'dik il-Qorti sema' lill-minuri kameralment u anke lill-Avukat tat-Tfal u ddeċieda li proviżorjament it-tifla minuri kellha tibqa' tgħix ma' missierha filwaqt illi ommha jkollha aċċess fil-jiem u ħinijiet determinati. Inoltre l-Qorti rriżervat li tipprovdi definittivament wara l-preżentata tar-rapport tas-*social worker*. Fil-fehma ta' din il-Qorti, kieku l-minuri esprimiet lill-Qorti Ċivili l-biża' kif kontemplata fl-artikolu 251B tal-Kodiċi Kriminali, l-imsemmija Qorti ma kinitx tħalli l-kustodja f'idejn l-appellant.

**13.** Għal dawn ir-raġunijiet, il-ħames u s-sitt aggravji qed jiġu milqugħa. Dan ifisser illi l-uniċi imputazzjoniiet li trid tikkunsidra issa din il-Qorti huma l-ewwel imputazzjoni sa fejn tirrigwarda lil S u l-ħames imputazzjoni li permezz tagħhom l-appellant qed jiġi addebitat bi ksur ta' l-artikolu 251 tal-Kodiċi Kriminali li jipprovdi hekk fl-ewwel subartikolu tiegħu: **"(1) Kull min juża vjolenza sabiex iġiegħel lil xi ħadd jagħmel, iħalli ssir, jew jonqos milli jagħmel, xi ħaġa, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena msemmija fis-subartikolu (1) ta' l-aħħar artikolu qabel dan."**[5]

**14.** Din il-Qorti sejra issa tirreferi għal dak li jgħid l-appellant fit-**tielet u s-seba' aggravji** tiegħu. L-ewwelnett josserva illi dan ir-reat jeħtieġ mhux biss il-vjolenza, li tista' tkun anke morali, iżda wkoll li dik il-vjolenza tkun qed issir bi skop speċifiku. Huwa jsostni wkoll li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi. Jgħid:

> "Illi f'dan ir-rigward jinghad illi s-sentenza appellata essenzjalment sostniet li, fid-decizjoni dwar l-apprezzament ta' provi, strahet fuq il-komportament tal-minuri waqt il-'video conferencing'. Sostniet ukoll li dana wassalha sabiex tikkonkludi li l-minuri ma kinitx qed tallega dak li kienet qed tallega ghax kienet influenzata minn ommha.
>
> "F'dana l-istadju tajjeb li jigu sinjalati s-segwenti:
>
> "a) L-Ewwel Qorti taghmel riferenza ghad-dikjarazzjoni esebita a folio 12-15 tal-process. Tuza din id-dikjarazzjoni sabiex tikkonkludi li l-minuri ma setghatx tigi influenzata minn ommha,
>
> "Pero` tajjeb li jinghad li tali dikjarazzjoni la hija ammissibli bhala prova u konsegwentement lanqas ma ghandha valur probatorju. Jidher ghalhekk li fost il-konsiderazzjonijiet obiter maghmula mill-ewwel qorti sabiex tasal tiddeciedi jekk taccettax il-verzjoni tal-minuri u li din ma kinitx influenzata minn ommha kien hemm propju konsiderazzjoni kardinali Ii kienet imsejsa fuq prova inammessibli u bla valur probatorju.

[5] Bħalma ġie osservat f'paragrafu 6, il-piena applikabbli fiż-żmien in kwistjoni kienet ta' priġunerija minn ħames xhur sa tmintax-il xahar.

"Illi l-bran relattiv mis-sentenza appellata hija s-segwenti:

"*'Dan jinghad ghal diversi ragunijiet, l-ewwel u qabel kollox ghaliex l-allegazzjonijiet li ghamlet meta xehdet f'dawn il-proceduri kienet diga` ghamlithom meta rrilaxxjat id-dikjarazzjoni li tinsab inserita a fol. 12 sa 15 u din id-dikjarazzjoni kienet ittiehdet fid-9 ta' Awissu 2006, u cioe` meta l-minuri kienet llha biss ftit tal-jiem fil-kustodja ta' ommha u ghalhekk zgur Ii ma setghatx tigi influwenzata b'dak il-mod.'*

"Tajjeb li jigi rimarkat fi kwalunkwe kaz li din id-dikjarazzjoni, datata 9 ta' Awissu 2006, saret mill-minuri fil-presenza ta' ommha!

"Tajjeb li jigi rrimarkat ukoll li mill-istess dikjarazzjoni jirrizulta li minuri kienet diga` marret, naturalment instigata minn ommha, ghal sessjonijiet ta' ghajnuna psikologika u psikjatrika!!

"Tajjeb li jigi rrimarkat ukol li f'din id-dikjarazzjoni hemm riferenza ghall-fatt li l-minuri kienet ilha f'kuntatt ma' ommha ghal sentejn qabel id-data ta' din id-dikjarazzjoni.

"b) Illi f'dan il-kuntest jigi ukoll mfakkar, fatt dan li ma jsib ebda menzjonament mill-Ewwel Qorti, li S1 kienet stqarret (u dana permezz ta' messaggi tramite sms) li giet lura Malta biex tiehu lura lil bintha. Dana ma ghamlitux permezz tal-Qorti tal-Familja u b'hekk f'daqqa wahda feggew dawn l-akkuzi.

"c) F'dana l-isfond ma jistax ma jissemmiex il-fatt li f'Lulju 2006 l-Imtiallef sedenti fil-Qorti tal-Familja kien sema lill-minuri in camera. Kienu maghhom l-Avukat Ramona Frendo fil-vesti taghha ta' Avukat tat-tfal. Kien thejja rapport mill-Appogg u dan wara li kellmu lill-minuri. Dana kollu sar meta l-esponent lanqas kien hawn Malta!! Zgur, ghalhekk, ma jistax jinghad li hawn il-minuri tkellmet b'xi mod minhabba li kienet sfurzata minn missierha.

"Illi ghalhekk fl-istess pejodu li suppost sehhew dawn il-fatti, l-Imhallef sedenti fil-Qorti tal-Familja ikkonferma li l-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tibqa' fdata f'idejn l-esponent. Dwar dan kollu ma jsir ebda menzjonament mill-Ewwel Qorti.

"d) Hekk ukoll l-esponent huwa pjuttost perpless dwar il-fatt li ebda menzjonament ma jsir tax-xhieda li xehdu in difesa, donnu dan il-kaz spicca fl-istadju tal-gheluq tal-provi tal-prosekuzzjoni, ghajr ghal paragrafu izolat f'pagna 9. B'hekk l-ebda menzjonament ma jsir dwar il-komportament tal-minuri fil-konfront ta' missierha dakinhar li huwa siefer, ossija fl-10 ta' Lulju 2006. Dan kien konfermat mhux biss mill-esponent izda anki minn Mark Thornhill li wassal lill-esponent l-ajruport. L-ewwel Qorti ma rat ebda sinifikat fil-'lucky charm' li tqieghdet minn bintu fil-bagalja.

> "e) Ebda riferenza jew sinifikat ma deher li nghata lill-pluralita` ta' ittri, ritratti u dokumenti li gewipprezentati. Dawn kienu sinifikanti mhux biss fil-konfront ta' dak li stqarrew S1 u S izda ukoll fir-rigward ta' dak li stqarret R. Gara bl-invers, li R giet menzjonata bhala xhud li tikkorrobora l-verzjoni ta' S.
>
> "f) Illi huwa kontro-sens bir-rispett li wiehed jghid li jaccetta l-verzjoni tal-minuri izda imbaghad, fl-istess hin, ma tinstabx htija tar-raba' u tat-tmien imputazzjoni.
>
> "g) Illi huwa ukoll stramb kif dak mistqarr minn S1 f'affidavit ippresentat fl-1995 fil-proceduri ghall-kura u kustodja jigi rifless fid-deposizzjoni tal-minuri u fl-istess hin kien jigi konkluz li l-minuri ma kinitx influenzata minn ommha.
>
> "h) Ebda menzjonament ma sar dwar il-kwistjoni tal-mobile phone u li dak mistqarr mill-minuri mhuwiex konformi mal-okkorrenza esebita."

**15.** Dawn l-aggravji jirrikjedu apprezzament mill-ġdid tal-provi. F'dan ir-rigward il-ġurisprudenza in materja ta' din il-Qorti hi ċara u kostanti fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk mhux għal raġunijiet gravi, b'mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalita` biss li l-ewwel Qorti ma setgħetx raġjonevolment u legalment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti.

**16.** Issa, l-ewwel Qorti tat kredibilita` sħiħa lill-minuri.

**17.** Din il-Qorti trid tosserva l-ewwelnett illi l-istqarrija li għamlet S u li tinsab a fol. 12 – 15 tal-proċess u li l-ewwel Qorti għamlet pjena referenza għaliha, setgħet tintuża mill-prosekuzzjoni bħala mezz ta' kontroll. Ma jidhirx li dan sar waqt li l-minuri kienet qed tixhed. Konsegwentement l-imsemmija stqarrija qed tiġi skartata. Inoltre din il-Qorti qed tiskarta n-noti ppreżentati mingħajr ma saret talba *ad hoc* ta' Dr Ramona Frendo fit-8 ta' Ġunju 2012 u ta' S fid-29 ta' Mejju 2013.

**18.** Issa, huwa minnu illi l-minuri xehdet fid-dettall u diffiċilment jista' wieħed jgħid illi dak kollu li qalet huwa gideb, speċjalment meta wieħed jikkunsidra x-xiehda ta' R, J u S2 dwar inċidenti partikolari. Fl-istess ħin ma tistax tiġi skartata x-xiehda tal-familajri ta' l-appellant li magħhom bażikament kienet tgħix il-minuri, u dan għal perijodu ta' madwar tmien snin, u cioe` minn meta omm il-minuri S1 ħalliet lil bintha ta' ħames snin f'idejn l-appellant. Issir referenza hawn għax-xiehda ta' oħtu R1 li, mistoqsija x'kellha xi tgħid dwar l-akkuża ta' vjolenza fuq il-minuri wieġbet: "Jiena din tinkwetani għax mhux talli ħija ma kienx jagħmel hekk talli jien kont nirrabja miegħu biex ikun naqra iżjed *strict* mat-tifla." M, omm l-appellant, xehdet kif ma setgħetx tifhem għaliex il-minuri qabdet u telqet meta lejliet, il-minuri stess qaltilha biex jagħmlu n-*gnocchi* għal missierha u anke xtratlu

l-frawli u l-ġelat li jħobb. Taf, pero`, li ommha kienet għamlet jumejn iċċemplilha l-ħin kollu. A1, oħt l-appellant, ukoll qalet xi ħaġa sinifikanti ħafna meta mistoqsija jekk tafx lil S. Hija qalet: "Iva ngħid, kont naħseb li nafha sinjur għax ma nagħrafhiex."

**19.** M'hemmx dubju li S kienet sfortunata f'dik li hi relazzjonijiet ta' familja. Trabbiet f'sitwazzjoni fejn meta twieldet (fit-2 ta' Novembru 1992), il-ġenituri tagħha kienu diġa` għamlu żmien isseparati. Fl-1998 S1 prattikament abbandunat lill-minuri (skond hi telqet għax kienet psikoloġikament imfarrka) b'perijodu l-Olanda mbagħad l-Awstralja u l-kustodja tal-minuri għaddiet f'idejn l-appellant. Fl-2000 irritornat Malta għal btala u reġgħet marret l-Awstralja fejn jidher li kellha inċident serju li ma ppermittilhiex issiefer għal erba' snin. Meta rritornat Malta fl-2004 għal perijodu ta' madwar għaxar xhur beda l-aċċess taħt superviżjoni. Sussegwentement irritornat Malta fl-2006.

**20.** Mela għal diversi snin S kienet priva mill-imħabba ta' omm. Meta S1 rritornat Malta, ippruvat tibni relazzjoni ma' bintha u probabilment anke pprovat tħajjarha tmur tgħix magħha l-Awstralja (kif fil-fatt ġara). Meta l-minuri telqet mid-dar, kien żmien fejn missierha kien beda familja oħra (kellu *partner* Bulgara li magħha kellu tifel), kien jinsab imsiefer il-Bulgarija u l-minuri, li kienet tabita man-nanna paterna, kienet spiċċat tieħu ħsieb aktar lil nannitha peress illi kienet korriet u kellha bżonn għajnuna anke meta tmur il-kamra tal-banju. Jiġifieri jidher li meta telqet mid-dar, kienet f'sitwazzjoni vulnerabbli ħafna filwaqt li ommha kienet qed tagħmel minn kollox biex turiha aspetti pjaċevoli u anke ġodda tal-ħajja. Jiġifieri din il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li ommha ppruvat tinfluwenzaha.

**21.** Din il-Qorti nnutat ukoll id-diversi dokumenti li esebixxa l-appellant. M'hemmx dubju li, għalkemm il-minuri tipprova tpinġi biss stampa kerha ta' ħajjitha, kien hemm diversi okkażjonijiet sbieħ u ta' ferħ li ġew anke dokumentati permezz ta' ritratti u anke permezz ta' kitbiet. Jiġifieri kienet ottjeniet element ta' stabbilita` f'ħajjitha. Fl-istess ħin din il-Qorti ma tistax teskludi xi okkażjonijiet li tirreferi għalihom il-minuri fejn l-appellant kien strett iżżejjed u dixxiplinarju wisq, b'mod li anke seta' uża vjolenza fuq bintu sabiex iġegħlha tagħmel xi ħaġa, viz. biex tobdieh f'kull ma jgħidilha (anke jekk jidher minn xi istanzi li semmiet il-minuri li ma setgħetx tifhem x'ried għax kien qiegħed jgħid affarijiet kontradittorji, viz. jagħmlilha mistoqsija u għax twieġeb jgħidilha "don't answer back" u jekk ma titkellimx jgħidilha twieġeb).

**22.** L-appellant ġie addebitat bir-reat kontemplat fl-artikolu 251 kemm fl-ewwel imputazzjoni kif ukoll fil-ħames imputazzjoni. L-ewwel imputazzjoni tirreferi għal

"dawn l-aħħar snin" filwaqt illi l-ħames imputazzjoni tirreferi għall-perijodu bejn it-28 ta' Frar 2006 u d-data tal-preżentata, l-10 ta' Awwissu 2006. Mix-xiehda ta' S ma jirriżultawx id-dati speċifiċi meta seħħew xi inċidenti li tirreferi għalihom, pero` ma jirriżultawx inċidenti speċifiċi fil-perijodu bejn it-28 ta' Frar 2006 u l-10 ta' Awwissu 2006. Għalhekk l-appellant se jiġi dikjarat ħati biss dwar l-ewwel imputazzjoni in kwantu din l-imputazzjoni tirrigwarda lil S.

**23.** Kwantu għall-piena, stante li l-appellant sejjer jinstab ħati biss ta' l-ewwel imputazzjoni, stante iċ-ċirkostanzi kollha li ġew spjegati f'din is-sentenza, u fid-dawl tal-fedina penali kważi netta ta' l-appellant, hemm lok ta' temperament fil-piena. Inoltre l-Ordni ta' Protezzjoni sejra tiġi revokata stante li tali Ordni tapplika għal waqt il-pendenza tal-proċeduri, meta allura persuna għadha "akkuzata".

**24.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-imsemmi A ħati ta' l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), il-ħames (5), is-sitt (6), is-seba' (7) u d-disa' (9) imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu tmintax-il (18) xahar priġunerija li b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali ġew sospiżi għal perijodu ta' tliet (3) snin mid-data tas-sentenza appellata; tirrevokaha wkoll in kwantu b'applikazzjoni ta' l-artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali ordnat il-ħruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' A sabiex tipprovdi għas-sigurta` ta' S u dan għall-perijodu ta' tliet (3) snin mid-data tas-sentenza appellata u taħt il-kundizzjonijiet indikati fl-Ordni ta' Protezzjoni anness mas-sentenza u mmarkat bhala Dok.; u minflok issibu ħati ta' l-ewwel imputazzjoni in kwantu din tirrigwarda lil S biss, tiddikjara l-azzjoni fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni in kwantu din tapplika fil-konfront ta' S1 bħala preskritta u minnha tilliberah, tiddikjara l-azzjoni fir-rigward tat-tieni, it-tielet, is-sitt u s-seba' imputazzjonijiet preskritta u minnhom tilliberah, ma ssibux ħati tal-ħames u tad-disa' imputazzjonijiet u minnhom tilliberah, u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tilliberah bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor sa żmien sentejn millum. Din il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem li jiftiehem sew li jekk jagħmel xi reat ieħor matul il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.